MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tat-8 ta' April, 2003

Citazzjoni Numru. 1725/2001/1

**Maria Dolores *sive* Moira El Meharram**

**vs**

**Ali El Meharram**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici tat-30 ta' Ottubru 2001 a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi l-kontendenti zzewgu fis-17 ta' Marzu 1988, minn liema zwieg huma kellhom tliet ulied u cjoe' Sarah ta' hdax-il sena (11), Adelin ta' tmien (8) snin u Ismael ta' tliet (3) snin.

Illi l-konvenut rrenda ruhu hati fil-konfront tal-attrici ta' adulterju, eccessi, sevizzi w ingurji gravi, b'mod li llum iz-zwieg bejn il-kontendenti tkisser irrimedjabilment.

Illi b'digriet moghti fit-18 ta' Ottubru 2001, is-Sekond' Awla tal-Qorti Civili awtorizzat lill-attrici sabiex tipprocedi ghas-separazzjoni kontra l-konvenut.

Illi l-istess attrici talbet lil din l-Onorabbli Qorti sabiex ghar-ragunijiet fuq premessi:-

1. Tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti minhabba adulterju, eccessi, sevizzi w ingurji gravi u kif ukoll talli z-zwieg tkisser b'mod irrimedjabbli minhabba tortijiet unikament imputabbli lill-konvenut;

2. Tafda l-kura u kustodja tal-minuri Sarah, Adelin u Ismael f'idejn l-esponenti ommhom;

3. Tordna x-xoljiment tal-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti, tillikwida l-istess u tiddikjara li l-konvenut m'ghandu ebda dritt fuq l-istess akkwisti;

4. Tordna lill-konvenut jissomministra dik ir-retta alimentari, ghaliha u ghall-minuri wliedhom hekk stabbilita mill-Qorti u dan taht dawk il-modalitajiet specifikati mill-istess Qorti.

5. Tapplika fil-konfront tal-konvenut l-effetti kollha ta' l-**artikoli 48 u 50 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta** u dan fejn applikabbli.

6. Tawtorizza lill-esponenti sabiex tirriverti ghal kunjom xbubitha.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li huwa minn issa ngunt in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista ta' xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 5 tal-process;

Rat il-verbali tas-6 ta’ Marzu 2002.

Rat in-nota tal-attrici tal-20 ta’ Marzu 2002 fejn tat ruhha b’notifikata bl-avviz tas-smiegh tal-kawza, u r-rikors tal-istess attrici datat 26 ta’ April 2002 fejn talbet li l-konvenut jigi notifikat permezz tal-procedura tal-pubblikazzjoni u l-affissjoni.

Rat id-digriet sussegwenti tal-Qorti tat-30 ta’ April 2002 fejn laqghat it-talba u ordnat li n-notifika ssir *ai termini* tal-**artikolu 187 (3) tal-Kap 12**.

Rat il-verbal tat-2 ta’ Mejju 2002.

Rat in-nota tal-attrici datata 21 ta’ Ottubru 2002 fejn permezz taghha esebiet l-affidavits taghha u ta’ Michelle Felice.

Rat il-verbali tad-29 ta’ Ottubru 2002 fejn Dr. Anthony Ellul ghall-attrici rega’ talab li n-notifika lill-konvenut issir *ai termini* tal-**artikolu 187 (3) tal-Kap 12**, liema talba giet milqugha mill-Qorti b’dan li tali pubblikazzjoni ssir f’gazzetta lokali wahda u fil-gazzetta tal-gvern; u tal-5 ta’ Frar 2003.

Rat in-nota tal-attrici datata 21 ta’ Marzu 2003 fejn permezz taghha esebiet estratt mill-gazzetta tal-gvern u mill-gazzetta lokali ta’ kuljum *“The Malta Independent”* tal-15 ta’ Marzu 2003 ghall-finijiet ta’ notifika.

Rat il-verbal tas-26 ta’ Marzu 2003 fejn fuq talba ta’ Dr. Anthony Ellul il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-8 ta’ April 2003.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

Rat li minkejja li gie debitament notifikat il-konvenut baqa’ ma pprezenta l-ebda nota ta’ eccezzjonijiet u ghalhekk baqa’ kontumaci.

## (II) <u>KONSIDERAZZJONIJIET.</u>

### (i) <u>Provi prodotti.</u>

Illi l-**attrici Maria Dolores *sive* Moira El Meherram** xehdet permezz tal-procedura tal-affidivit fejn sostniet:-

*"Jiena u Ali El Meharram izzewwigna fis-17 ta Marzu, 1988. Minn dan iz-zwieg ahna ghandna tliet itfal u cjoe' Sarah li llum ghandha hdax-il (11) sena, Adelin li llum ghandha disa' (9) snin u Ismael li llum ghandu erba' (4) snin.*

*Ftit wara li zzewwigna zewgi beda jitlobni li nipprostitwixxi ruhi. Hu spicca jsawwatni b'mod li jiena kelli noqghod ghal dak li kien jordnali. Sena wara jien ma flahtx izjed ghal din il-hajja u ghalhekk ftaht proceduri kriminali fil-konfront tieghu.*

*Ftit wara li nbdew il-proceduri jiena ghazilt li nirranga ma' zewgi u ghalhekk ma kontx xhedt fil-konfront tieghu bil-konsegwenza li huwa hareg liberat.*

*Minn hemmhekk zewgi ghazel li minflok jibqa' jaqla' l-flus minn fuq dahri, nifthu negozju taghna. Ahna xtrajna garaxx numru 5. Triq Sir Ugo Mifsud, Ta' Xbiex (Dok. "A") bil-prezz ta' Lm7,000. Dan il-garaxx konna kkonvertejnih f'hanut li kien maghruf bl-isem "Natu Self Service".*

*Minkejja li n-negozju kien ghaddej tajjeb, zewgi kellu attitudni vera hazina fil-konfront tieghi u ta' ibni li kelli qabel iz-zwieg. Huwa kien jinjorana kompletament. In partikolari meta twieldet Sarah u cjoe' l-ewwel tifla li kelli miz-zwieg, hu beda jmur ghax-xoghol jigi lura d-dar jinhasel u jitlaq 'il barra. Kien jirritorna lura d-dar fl-4.00 a.m. Meta kont noggezzjona huwa kien jarma jsawwatni. Mhux biss izda meta kien jara lil ibni jibki, huwa kien jinfexx isawwtu wkoll. Jiena kemm-il darba kont immur wara zewgi, u kont narah il-"Milano Due" jew il-"Black Gold" ma' shabu Libjani.*

*Wara xi erba' snin, il-hanut beda sejjer lura u dan peress li zewgi kien ittraskurah ferm. Ghalhekk jiena bdejt niehu hsieb it-tmexxija tal-hanut u tal-familja. Da parti tieghu Ali kien semplicement jiekol, jorqod, jitlobni l-flus u johrog. Kien ighix hajja ta' guvni. Huwa abbanduna r-responsabbiltajiet kollha tal-familja.*

*Peress li jiena kont gejja minn 'broken family' ma ridtx li wliedi jitrabbew fl-istess ambjent u ghalhekk issapportejt sakemm stajt biex insalva l-familja tieghi. Jiena kemm-il darba bdejt il-proceduri tas-Sekond' Awla, pero' kull darba ppruvajt nirranga ma' zewgi u kont nirtira l-proceduri.*

*Fl-l996 ahna ghalaqna l-hanut u jien mort nahdem il-"Forum Hotel" bhala 'waitress', filwaqt li huwa baqa' paxxut id-dar. F'dan il-perjodu jiena nqabdt tqila u kelli nitlaq mix-xoghol. Meta rajt il-flus jonqsu u zewgi ma kien qed jaghmel xejn jiena ghamilt xenata u ghidtlu li kellu johrog jahdem u jgib il-flus ghall-familja.*

*Dak il-hin huwa qabad isawwatni minkejja li kelli xahrejn tqala. Huwa kien sawwat ukoll lil ibni u heddidni li ser jgherreq lil Sarah u Adelin fil-banju. Dakinhar mort ghamilt rapport l-ghassa ta' San Giljan u kienu nfethu proceduri fil-konfront ta' zewgi. Jiena mort noqghod ghand ommi ma' wliedna u ftaht is-separazzjoni minnufih. Il-Qorti ordnat li jitkecca mid-dar fi zmien xahrejn (Dok. "B").*

*Wara li ghaddew dawn ix-xahrejn zewgi tkecca mid-dar u dhalt nghix jiena mat-tfal. Sal-lum jiena ghadni nghix ma' wliedi fil-fond Block 6, Door C, Flat 23, Vjal in-Naspli, San Gwann, liema fond huwa mikri fuq isimna minghand id-Dipartiment ghall-Akkomodazzjoni Socjali (Dok. "C")*

*Nghid ukoll li fid-digriet moghti mis-Sekond' Awla, l-ewwel darba zewgi nghata access versu t-tifla Adelin. Il-kbira, Sarah, minhabba ragunijiet psikologici, ma nghatax access ghaliha. It-tifla bdiet tgharrafni li fl-appartament tieghu f'Bugibba huwa kellu tliet Marokkini nisa jghixu mieghu. Wahda minnhom kien jisimha Emel.*

*Jiena ghamilt perjodu fejn ittraskurajt dawn il-proceduri u ghalhekk wara xi zmien ergajt ftaht is-separazzjoni. Din id-darba zewgi nghata access versu Sarah u Adelin. It-tfal qaluli li zewgi kien ghadu qed ighix ma' tliet nisa. Huma qaluli wkoll li rawh diehel fil-kamra tas-sodda ma' Emel. Mhux biss izda meta wliedi kienu jorqdu ghandu, huwa kien ihallihom ma' dawn in-nisa Marokkini, filwaqt li hu johrog ma' shabu l-Libjani.*

*Da parti tieghu hu qatt ma ghaddieli manteniment ghal dawn it-tfal, peress li kien isostni li m'huwiex qed jahdem. Kien minhabba dawn ir-ragunijiet kollha li jiena ma bqajtx nibghat lit-tfal ghandu ghall-access. Huwa fil-fatt ilu ma jarahom mit-23 ta' Settembnu, 1998, u cjoe' fil-'birthday' ta' Adelin. Zewgi qatt ma cempel jew baghtilhom xi haga lil uliedna.*

*Nahseb li zewgi m'ghadux jghix hawn Malta peress li ili ma nisma' b'ahbaru xi tliet snin. Qabel in-nies kienu jghiduli li rawh, pero' llum hadd ma ghadu jarah.*

*Bhala proprjeta' ahna ghandna s-segwenti:-*

*a.  il-hanut numru (5), Triq Sir Ugo Mifsud, Ta' Xbiex*

*b.  il-kera tal-appartament Block 6, Door C, Flat 23, Vjal in-Naspli, San Gwann fejn inhallsu s-somma ta' Lm15 kull tliet xhur;*

*c.  vann "Supercarry" tal-marka "Suzuki" liema vann jinsab fil-pussess ta' zewgi.*

*Ahna ghandna wkoll is-segwenti debiti:-*

*a.  dawl u ilma tal-hanut, li jammonta ghal fuq l-elf u mitejn lira Maltin (Lm1,200) (vide Dok. "B");*

*b.  telefon tal-hanut;*

*c.  debitu iehor mal-"Master Wine Limited" fl-ammont ta' Lm3,961.25c0 (vide Dok. "C")*

*Naf li hemm kawza pendenti kontra zewgi fuq dan id-dejn.*

*Dawn huma kollha debiti li halla zewgi warajh.*

*Jiena disposta li niehu l-garaxx u l-kirja tad-dar u nhallas d-debiti kollha pendenti. Filwaqt li zewgi jinghata sehmi mill-vann".*

Illi **Michelle Felice** xehdet illi:

*"Jiena ili naf lil Moira El Meharram mill-1992. Sirt nafha peress li ohti kienet habiba taghha u ahna bdejna niffrekwentaw lil xulxin.*

*Dak iz-zmien ir-ragel ta' Moira kien ghadu jghix maghha. Jiena kemm-il darba nzertajt inkun qeghda ghandhom, meta minghajr ebda raguni Ali kien jarma jaghti lil Moira fost hafna dagha u ghajjat. Mhux biss izda Ali bosta drabi wara li jinfexx ma' Moira kien idur fuq it-tifel taghha, li kellha qabel iz-zwieg, u jarma jsawtu wkoll.*

*Jiena kont nibqa' mpressjonata b'dan is-swat peress li Ali kien isawwathom bhal klieb. Huwa ma kienx jiddejjaq li hemm jien barranija qed nara kollox. Da parti taghha Moira kienet tibza' hafna minn Ali u bil-kemm kienet titniffes meta jkun hemm hu d-dar.*

*Prattikament kull darba li kont inkun ghand Moira, Ali kien jidhol jinhasel u jitlaq 'il barra, minghajr ma jghid lil Moira fejn sejjer.*

*Jiena kont narah ta' spiss il-"Milano Due" u l-"Black Gold" flimkien ma' xi Libjani. Gieli rajt xi nisa wkoll maghhom.*

*Peress li jiena xi kultant kont norqod ghand Moira, naf personalment li Ali kien idum barra sas-sieghat bikrin ta' fil-ghodu. Generalment kien jirritorna lura xi l-4:00 a.m., u xi drabi sahansitra baqa' barra l-lejl kollu, specjalment fil-'weekend'.*

*Moira dejjem kienet tibki u meta kont nghidilha biex titilqu hija kienet tghidli li ma riditx tisfratta lit-tfal.*

*Ali kien bniedem ghazzien ferm. Da parti taghha Moira kienet dejjem tahdem, id-dar jew il-hanut, filwaqt li Ali kien jibqa' rieqed sat-tard imbaghad johrog ma' shabu. Huwa qatt ma kien imur jghinha fil-hanut jew jaghtiha daqqa t'id bit-trobbija tat-tfal. Kien qiesu guvni.*

*Moira dejjem kienet nieqsa mill-flus. Ali minflok kien jghinha finanzjarjament, kien minn fuq jitlobha l-flus biex johrog ma' shabu. Peress li, kif ghidt, hija kienet tibza' minnu u qatt ma qaltlu le.*

*FIt-l997, is-sitwazzjoni aggravat ferm bejn Moira u Ali tant li hu kien jispicca jsawwatha kwazi kuljum. Darba minnhom Ali tant sawwat lil Moira bil-goff, li hi ddecidiet li tissepara minn mieghu. Fil-fatt bdiet il-proceduri ghas-separazzjoni u minn dak iz-zmien ma regghetx irrikonciljat ma' Ali".*

**(II) APPREZZAMENT TAL-PROVI.**

Illi mill-provi prodotti jidher car li l-ewwel talba attrici ghandha tigi milqugha *stante* li kif fuq rapportat il-konvenut kien hati *verso* l-attrici ta' adulterju, eccessi, sevizzi u ingurji gravi u dan anke peress li l-istess konvenut ezercita f'diversi okkazjonijiet fuq rakkontanti atti ta' vjolenza fil-konfront ta' martu w uliedu, u dan wara li ghal hafna snin tul il-permanenza taghhom flimkien l-attrici litteralment mantniet lill-istess konvenut b'hidmitha, *stante* li huwa jidher li baqa' jrid jghix hajja ta' guvni ma hbiebu l-Libjani u anke nisa li huma ffrekwentaw, u fl-ahhar snin anke mar jghix maghom. Din hija sfortunatament storja ohra ta' mohqrija ezercitata fuq il-mara, u f'dan il-kaz ukoll minn persuna li ma hijiex Maltija, u b'dispjacir din il-Qorti tinnota li tali tip ta' tragedji ma huma rari xejn f'dan il-pajjiz.
Illi dwar il-kura u kustodja tal-istess ulied, dawn naturalment ghandhom jigu fdati f'idejn l-attrici, u ma hija ser tipprovdi l-ebda dispozizzjoni dwar access, kemm ghaliex jirrizulta mill-provi li l-istess konvenut ftit fittixhom, u qatt ma mantnihom, kif ukoll ghaliex illum hadd ma jaf fejn huwa l-istess konvenut; kull konsiderazzjoni ghal tali

access fil-futur ghandha tigi deciza fl-interess tal-istess minuri, u tiehu in konsiderazzjoni tali fatti fuq esposti, kif ukoll fejn jirrisjedi l-konvenut, ghaliex jirrizulta li meta kien maghruf fejn dan kien mar joqghod dan kien qed jghix ma' tliet nisa. Dan qed jinghad ghaliex illum-il gurnata d-dritt ta' access ghall-ulied anke mill-genitur dejjem jittiehed fil-kuntest tal-interess suprem tal-minuri, peress li huwa tali nteress massimu tal-minuri li jiddettermina ghandhux ikun hawn dan il-kuntatt mal-genitur li ma jkollux kustodja jew le.

Illi dwar it-talba ta' manteniment kemm tal-attrici u kemm ta' uliedha ma jidhirx li din tista' tintlaqa' peress li jidher li ma giex ppruvat li l-konvenut ghandu xi forma ta' ntrojtu, ghalkemm id-dritt ta' l-attrici (mid-data tas-sentenza 'l quddiem) u dak tal-minuri ghall-manteniment minghand il-konvenut jibqa' jissussisti.

Illi pero' fic-cirkostanzi din il-Qorti thoss li, minhabba n-nuqqas tal-konvenut li jhallas manteniment ghall-attrici ghal dan iz-zmien kollu, u wkoll in vista tal-fatt li l-konvenut ihallas dawn l-arrettrati ta' manteniment fil-futur anke ghall-attrici hija remota, hija ghandha tapplika d-dispozizzjonijiet tal-**artikolu 54 (6) tal-Kap 16,** billi l-arretrati ta' manteniment dovuti mill-konvenut lill-attrici ghandhu jigi mhallas bl-assenjazzjoni tas-sehem tal-istess konvenut tan-nofs indiviz tal-'garage' hawn isfel indikat, b'dan li tali sehem ta' nofs indiviz ghandu jigi assenjat lill-attrici minflok il-hlas ta' manteniment li sal-lum kien dovut mill-konvenut, u dan ghaz-zmien kollu li huwa naqas li jmantni lill-attrici sad-data ta' din is-sentenza. Dan qed jinghad tenut kont tal-fatt li tali sehem immobiljari tal-konvenut qed jitqies bhala *"mezz"* li fuqu wkoll tigi stabilita' r-rata ta' manteniment.

Illi minhabba l-krudelta' li biha l-konvenut tratta l-attrici u anke lil uliedu, kif fuq ampjament espost din il-Qorti thoss li d-dispozizzjonijiet tal-**artikolu 48 tal-Kap 16** ghandhom jigu applikati *in toto* fil-konfront tal-konvenut, u ghall-fini tal-**artikolu 48 (1) (c)** d-data meta l-konvenut ghandu jitqies li ta lok ghas-separazzjoni hija dik tas-27 ta' Lulju 1998.

Illi t-talba ghax-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti ghandha tigi milqugha b'effett mis-27 ta' Lulju 1998, u tiddikara li l-komunjoni tal-akkwisti tikkonsisti fil-hanut numru hamsa (5) Triq Sir Ugo Mifsud, Ta' Xbiex, u vann "Supercarry" tal-marka "Suzuki", apparti l-kera tal-fond matrimonjali Flat 23, Vjal in-Naspli, San Gwann, mentri hemm kontijiet ta' dawl u ilma fl-ammont ta' Lm1,200, u Lm3,961.25.

Illi in vista tal-fatt li ma jidhirx li l-konvenut ser ihallas l-kontribuzzjoni tieghu mill-istess dejn, u b'applikazzjoni wkoll tal-**artikolu 54 (6) tal-Kap 16** kif fuq accennat u wkoll tal-**artikolu 48 (1) (c) tal-istess,** din il-Qorti tordna li l-attrici ghandha tigi assenjata l-hanut numru hamsa (5) Triq Sir Ugo Mifsud, Ta' Xbiex flimkien mad-dejn kollu gravanti l-istess komunjoni tal-akkwisti konsistenti fl-ammont ta' Lm1,200 ghad-dawl u ilma tal-istess hanut u l-ammont ta' Lm3,961.25 dovuti lill-kredituri l-ohra, u wkoll li l-kera tal-fond matrimonjali Block 6, Door C, Flat 23, Vjal in-Naspli, San Gwann ghandha tigi assenjata esklussivament lill-attrici b'mod li l-konvenut ma jkollu ebda dritt fuqha kwalunkwe, u dan apparti li tapplika d-dispozizzjonijiet tal-**artikolu 55A** fil-konfront tal-attrici, b'mod li l-konvenut huwa kompletament eskluz mili jghix jew jersaq lejn l-istess fond. Min-naha l-ohra l-vann "Supercarry", li gja' jinsab fil-pussess tal-konvenut ghandu jigi assenjat lill-konvenut.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi fil-kontumacja tal-konvenut, **tilqa' t-talbiet attrici** biss fis-sens hawn deciz u b'dan illi:-

1. Tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti minhabba adulterju, eccessi, sevizzi w ingurji gravi u dan ghal tortijiet unikament imputabbli lill-konvenut;

2. Tafda l-kura u kustodja tal-minuri Sarah, Adelin u Ismael f'idejn l-attrici ommhom bla ebda dritt ta' access mill-konvenut u dan fl-interess suprem tal-istess minuri.

3. Tordna x-xoljiment tal-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti u dan b'effett mid-data tas-27 ta' Lulju 1998, u tillikwida l-istess u tiddikjara li tikkonsisti fil-hanut, numru hamsa (5), Triq Sir Ugo Mifsud, Ta' Xbiex, il-vann "Supercarry", tal-marka "Suzuki", u l-kera tal-appartament Block 6, Door C, Flat 23, Vjal in-Naspli, San Gwann, u mid-debiti ta' dawl u ilma tal-istess hanut fl-ammont ta' Lm1,200, kontijiet tat-telefon tal-hanut u debitu iehor favur il-"Master Wine Limited" fl-ammont ta' Lm3,961.25, u minhabba dak fuq premess nkluz li jidher li l-konvenut ma kienx intenzjonat li jhallas tali debiti tal-komunjoni, tassenja lill-attrici bhala sehma mill-komunjoni tal-akkwisti u wkoll bl-applikazzjoni tal-**artikolu 45 (6)** ghall-arretrati ta' manteniment mhux imhallsa sal-lum mill-konvenut u b'applikazzjoni tal-**artikolu 48 (1) (c)** l-istess imsemmi hanut numru hamsa (5), Triq Sir Ugo Mifsud, Ta' Xbiex, l-kera tal-appartament Block 6, Door C, Flat 23, Vjal in-Naspli, San Gwann, b'mod li tali kera tigi tghajjat esklussivament lill-attrici u ghal dan l-iskop tordna n-notifika ta' din is-sentenza a spejjez attrici lid-Direttur tal-Akkomodazzjoni Socjali, sid il-kera tal-istess appartament u wkoll id-debiti kollha fuq indikati ta' dawl u ilma u telefon tal-istess hanut u d-debitu dovut lill-"Master Wine Limited" fl-ammont ta' Lm3,961.25, fil-waqt li l-konvenut qed jigi assenjat l-istess vann "Supercarry" tal-marka "Suzuki", li di piu' kien jinsab fil-pussess tieghu diga', u ovvjament tiddikjara li b'effett ta' din is-sentenza l-istess konvenut m'ghandu ebda dritt fuq l-istess immobbli u kera assenjati lill-attrici.

4. Salv dak fuq deciz fuq l-arretrati ta' manteniment dovuti mill-konvenut lill-attrici u l-applikazzjoni tal-**artikolu 45 (6)** fir-rigward tal-istess arretrati, mill-bqija u fic-cirkostanzi attwali llum tichad it-talba sabiex il-konvenut jissomministra dik ir-retta alimentari, ghaliha u ghall-minuri wliedhom, u dan peress li ma giex ppruvat li l-istess konvenut llum ghandu xi forma ta' ntrojtu, ghalkemm id-dritt tal-attrici ghall-manteniment mid-data ta' din is-sentenza jibqa' mpregudikat, u l-istess japplika ghad-dritt ta' manteniment tal-minuri, kemm f'dan l-ahhar kaz ghall-arretrati u wkoll mil-lum 'il quddiem.

5. Tapplika fil-konfront tal-konvenut l-effetti kollha ta' l-**artikolu 48 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta** u ghall-fini tal-**artikolu 48 (1) (c)** tistabbilixxi d-data tas-27 ta' Lulju 1998.

6. Tawtorizza lill-esponenti sabiex tirriverti ghal kunjom xbubitha "Pace".

Bl-ispejjez kollha kontra l-konvenut.

**Moqrija.**

--------------------------------TMIEM--------------------------------